MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 504/2004

Avviz Nru 504/04DM

Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas- socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Saviour Mamo abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Saviour Mamo

Vs

Henry Brewster

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici u l-attur talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, hames mija u tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4,593.25) in kwantu ghall-

ammont ta' erbat elef, hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4,568.25), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprestentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Saviour Mamo, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur Saviour Mamo ammont rapprezentanti *excess payment* minnu mhallas, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Awissu, 2002, ghall-habta tal-5.05 a.m. gewwa Triq tal-Barrani, Tarxien, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAB 405 proprjeta' ta' l-attur Saviour Mamo, misjuqa minn Christopher George Mamo u l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta' registrazzjoni FBK 464, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-ligi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2003, ta' l-ittra ufficjali li intbaghatet kontestwalment ma' l-Att ta' l-Avviz lis-socjeta' Citadel Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 2003, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Rat ukoll in-nota ta' cessjoni pprezentata fis-seduta tal-lum stess da parti ta' l-atturi, permezz ta' liema huma cedew is-sorte, izda zammew ferm il-Kap ta' l-ispejjes u l-imghaxijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ssib illi t-talba attrici tirrizula gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant filwaqt li qieghda tirrinunzja ghat-talba attrici ghal dak li jirrigwarda s-sorte, qieghda tilqa' it-talba taghhom fejn jirrigwarda l-imghaxijiet u l-ispejjes u

qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-imghaxijiet fuq is-somma mitluba b'effett mis-27 ta' Gunju, 2003.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------